# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 89/2019

**Il-Pulizija**

**vs**

**Kevin Mallia**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2019

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Kevin Mallia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 474074M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-26 ta' Novembru 2018 ghall-habta tat-tmienja u ghoxrin ta' filghodu (08:20hrs), fi Triq Lapsi, fil-lokalita' ta' San Giljan:

1. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li dan kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew

bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

2. Saq il-vettura tal-ghamla Ford, b'numru ta' registrazzjoni IBF 385 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz;

3. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;

4. Ikkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi, moghtija mill-Magistrat Dr. F. Depasquali LL.D. nhar is-16 ta' Jannar tas-sena 2018, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jkunu mibdula;

Il-Qorti kienet mitluba titratta lill-Kevin Mallia bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba ukoll li ma' kull piena li tista' taghti, tordna ukoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat, u dan bis-sahha tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Marzu, 2019 li biha sabet lill-imputat hati, bhala recidiv, tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu [*kif izda riprodotti in parte kif ser jirrizulta aktar 'l quddiem*] u ikkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) u skwalifikatu mill-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta' tnax (12)-il xahar, liema sospensjoni

tibda ssehh mill-mument li s-sentenza tghaddi in gudikat; Inoltre ordnat li, b'zieda ma' din il-piena, li l-piena ta' erba (4) xhur prigunerija imposta bis-sentenza tas-16 ta' Jannar 2018 mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale tidhol fis-sehh;

Rat ir-rikors tal-appellant, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Marzu, 2019, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **thassar**, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni jew htija jew **alternattivament** u bla pregudizzju, **tvarja** l-istess sentenza billi tikkonfermaha kwantu sejbien ta' htija izda tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti trattat mal-appellant bhala recidiv u fejn ordnat id-dhul fis-sehh ta' sentenza sospiza tas-16 ta' Jannar 2018 u konsegwentement tinfliggi piena aktar idonea fic-cirkostanzi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'aggravju dwar l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti u iehor dwar il-piena erogata. Dan l-ahhar gravam huwa maqsum f'zewg aspetti, dak li ma setax jirrizulta l-addebitu tar-recidiva u konsegwentement li l-ewwel Qorti ma setghetx iddahhal fis-sehh l-effetti tas-

sentenza sospiza u dak illi fi kwalunkwe kaz il-piena kienet wahda eccessiva;

2. Il-Qorti sejra l-ewwel titratta t-tieni aggravju, ghaliex meta komparat mal-imputazzjoni notifikata lill-imputat, ghall-ewwel jidher li dan sar b'xi mod erronju ghaliex l-imputazzjoni takkludi sia talba sabiex l-imputat jitqies recidiv kif ukoll l-addebitu ta' kommissjoni ta' reat waqt perjodu operativ ta' zewg sentenzi sospizi. Dan, izda mhuwiex il-kaz, ghaliex ir-rikors tal-appell jidher li hu msejjes fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li minkejja li rrizultalha sia l-addebitu tar-recidiva kif ukoll il-kommissjoni ta' reat waqt perjodu operativ ta' sentenza sospiza, naqset milli tirriproduci dawn l-addebiti fil-parti introduttorja tas-sentenza bil-konsegwenza illi, bhalma gralu l-imputat ma hemm ebda raguni ghaliex kellu jinsab hati tal-addebiti meta ma kienx imputat b'dawk il-fatti;

3. Dan igib mieghu il-konsegwenza ta' possibbli nullita' tas-sentenza li din il-Qorti qed tissoleva *ex officio* stante li hi kwistjoni ta' ordni pubbliku la darba mis-sentenza ma jirrizultax li l-appellant qatt kien imputat b'dawn l-addebiti;

4. Minghjar tlaqlieq jinghad minnufih illi s-sentenza appellata tippekka minn nuqqas ta' formalita rikjesta mill-artikolu 382 tal-Kapitolu 9. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> **382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**.

5. Meta fis-sentenza taghha l-Qorti ssemmi, u f'dan il-kaz tirriproduci, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, tkun essenzjalment qed tghid il-**fatti** li dwarhom huwa kien ipprocessat b'mod allura li ikun sodisfatt ir-rekwizit kontemplat fl-artikolu 382. Meta allura ma taghmilx dan, tkun qed tonqos minn wiehed mir-rekwiziti ta' sentenza valida. Il-kwistjoni ta' x'jikkostitwixxi l-fatti fis-sentenza kien mertu ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom Il-Pulizija vs Peter Abdilla 28.7.2010; Il-Pulizija vs Mariella Caruana 1.12.2010; Il-Pulizija vs John Tanti 24.1.2013 u l-Pulizija vs Carmelo Polidano 11.12.2013. Meta l-artikolu 382 jitlob li jissemmew il-fatti ma jkunx qed jitlob ukoll ir-ragunijiet, jew motivazzjoni li wasslu ghas-sejbien ta' htija. Il-legislatur jiddistingwi bejn il-fatti u l-motivazzjonijiet tant illi fl-artikolu 662(2) tal-Kodici Kriminali jsemmi b'mod car illi "**kull decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tigi deciza kwistjoni ta' ligi, ghandu jkun fiha qabel kollox ir-ragunijiet li jkunu wasslu l-qorti ghal dik id-decizjoni**". Ghal fini ta' validita' ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghalhekk, indikazzjoni tal-fatti fil-forma ta' riproduzzjoni tal-imputazzjoni, li ma hi xejn ghajr il-fatt imputat, tissodisfa r-rekwizit ravvizat fl-artikolu 382. Fil-kaz odjern, ir-riproduzzjoni tal-fatti hija wahda inkompleta u tenut li l-appellant instab hati tal-addebitu ta' recidiva kienet reza effettiva sentenza ta' prigunerija sospiza dwar fatt mhux indikat fis-sentenza, il-kaz jirrientra fl-iskala tal-gravi;

6. Konsegwentement, stante karenza konsisteni fin-nuqqas ta' formalita' essenzjali, din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett;

7. Isegwi ghalhekk illi jkunu rikapitolati l-effetti u konsegwenzi ta' nullita' ta' sentenza. Din iggib maghha effetti li

jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita; li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa <u>biss</u> dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara sentenza citata **Karmenu Attard** App Kri 28.4.1995) (haga li ma tapplikax ghall-kaz odjern). Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, igifieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995])

8. Isegwi ghalhekk ezami u apprezzament mill-gdid tal-provi mressqa. PC1505 xehed quddiem din il-Qorti illi fis-26 ta' Novembru, 2018 kien dettaljat mal-iskola ta' Lapsi, f'San Giljan meta ra vettura wieqfa f'kantuniera u mar fuq ix-xufier taghha u talbu jersaq ftit 'l isfel peress illi l-minibuses ma jkunux jistghu iduru. Appena sar dan, l-imputat, li kien qieghed hemm biex jara lit-tfal tieghu diehla l-iskola, wiegbu bil-kliem: "int ha taqbad mieghi dalghodu? Hallini" u dak il-hin ghaqqad it-tyres tal-karozza f'distanza zghira;

9. Meta rega avvicinah u wissieh li kien jaf li hemmhekk hemm skola tant li hu stess kien gie ghat-tfal, l-imputat hareg mill-vettura u imbutta lill-ufficjal minn sidru fejn allura talbu l-karta tal-identita' u wiegbu b'mod xejn xieraq. Meta rega intalab jipproduci l-karta tal-identita', dahal fil-karozza, gab id-

dokument u qallu "halli nnehhi l-coke minn fuqha", farfar l-istess u waddabbha lejn l-ufficjal. L-inkontru spicca b'mod ravvicinat b'wicc l-imputat imiss ma' wicc l-ufficjal li meta kien qed jaghmel il-verifiki mal-ghassa ordnalu jitfi l-magna u sabiex ma jsuqx meta allura, apparti l-kliem mhux xieraq tieghu, l-imputat irriversja b'mod perikoluz meta mar warajh izda meta rah ser isuq fid-direzzjoni tieghu warrab ghal fuq il-bankina. L-imputat imbaghad mar minn jeddu l-ghassa ta' San Giljan;

10. L-appellant xehed illi huwa minnu li f'dak il-hin kien ipparkjat hazin izda kien l-ufficjal li mar ghalih jghajjat u kien hemm erba nisa li bdew jidhqu bih meta ra lill-bintu tibki fuq ommha u hemmhekk jghid: "gejt hazin". L-ufficjal ma riedx itih lura l-karta tal-identita' ghalhekk startja l-karoxx u nizel l-ghassa biex jghidilhom x'kien gara. Jghid illi ma jidhirlux li werzaq ir-roti u li mhux minnu li imbotta lill-ufficjal izda jikkoncedi illi spicca sider ma' sider mal-ufficjal li meta talbu l-karta' tal-identita' ma kkalkulahx izda finalment, farfaraha u spicca tahielu, pero' ma jidhirlux li waddabielu;

11. Mic-cirkostanzi kolla tal-kaz, mill-komportament tax-xhieda u minn dak li semghet il-Qorti, li wara kollox huma regoli tal-buon sens, din il-Qorti tqis bhala aktar attendibbli d-deposizzjoni tal-Ufficjal tal-Pulizija. Din il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi t-tieni u t-tielet imputazzjoni jaghtu lok ghar-reati ravvizati fl-artikoli 338 (ee) tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u li huma sodisfacentement pruvati;

12. Kwantu l-ewwel imputazzjoni, igifieri r-reat ravvizat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali

**95. (1) Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew ihedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, <u>jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz</u>, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanza msemmijin f'dan l-artikolu, mizjuda b'zewg gradi u ghal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux izjed minn hamest elef euro (5,000).**

Hija l-parti sottolineata ta' dan l-artikolu minn din il-Qorti li hija relevanti ghall-kwistjoni hawn devoluta. Dan ghaliex ma jirrizultax li kien hemm xi forma ta' oltragg jew offiza fuq il-persuna tal-ufficjal. Jirrizulta izda, illi kien hemm affront gravi meta l-appellant imbotta lill-ufficjal, gie sider ma' sider mieghu u wicc imb' wicc b'tali mod li mniehru mess ma' dak tal-ufficjal – haga din li l-Qorti tqis bhala sfida diretta intiza biex tbezza.

13. Huwa komprensibbli li meta persuna tkun rinfaccjata b'sitwazzjoni li ma tqisx bhala wahda gusta, jew tqis li tkun esagerata jew barra mill-qies, turi certu rimostranza, izda fil-kaz odjern, dak li ghamel l-ufficjal tal-Pulizija fejn talab lill-imputat iressaq il-vettura minn fuq linja doppja li tindika li mhux permess parkeggjar ta' vetturi, kien ragjonevoli u lecitu minflok ma hariglu Traffic Offence Ticket. Ir-reazzjoni tal-imputat, izda kienet wahda assolutament inacettabbli u tmur kontra dak ravvizat fl-artikolu 95 (1) appena citat;

14. Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali tas-16 ta' Jannar, 2018 u minn hawn jirrizulta pruvat l-istess addebitu;

15. Jirrizulta ukoll illi bis-sentenza appena citata, l-imputat kien ikkundannat ghal-prigunerija ta' erba (4) xhur sospizi ghall-erba' snin fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, liema terminu kien ghadu ghaddej meta sehh l-incident in disamina;

16. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95(1), 338(ee) u 28B tal-Kodici Kriminali u 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta, qed issib lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, tiddikjarah recidiv fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u tqis li ikkometta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza;

17. Dwar il-piena, il-Qorti semghet lill-Ufficjal tal-Probation f'zewg okkazzjonijiet. Din l-Ufficjal tal-Probation kienet assenjata sabiex issegwi lill-imputat fuq ordni ta' supervizjoni fejn spjegat illi huwa ukoll segwit minn psikologa dwar l-attitudini tieghu ta' rabja, vjolenza u droga. L-imputat izomm kuntatt kontinwu ta' kuljum anke jekk ma jkollux appuntament u meta ma jsibx lill-ufficjal jirrikorri ghand il-kollegi taghha. L-istess Ufficjal tal-Probation xehedet illi sar hafna xoghol mal-imputat u kienu dedikati hafna rizorsi u energiji;

18. L-Ufficjal tal-Probation spjegat l-origini tal-attitudini ta' rabja tal-imputat fejn ikun konfrontat minn awtorita'. Din il-problema qed tkun indirizzata b'hafna rizorsi u energija u l-imputat fadallu x'jahdem dwarha. Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan anke ghaliex donnu sottintiz fid-deposizzjoni tal-Ufficjal tal-probation hemm l-aspett latenti lix-xoghol kollu li sar mal-

imputat ser jisfa fix-xejn. Fid-decizjoni taghha din il-Qorti qed tikkunsidra zewg aspetti importanti: dak illi l-agir tal-imputat huwa wiehed ferm gravi li jolqot direttament lill-membri tal-korp ta' dixxiplina avdat bis-sigurta' u zamma tal-buon ordni; u dak tal-benessere tal-imputat li qed ikun gwidat bl-ahjar mod possibbli minn professjonisti sabiex igib ruhu ta' cittadin denju;

19. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-affidabilita' tal-imputat li jinghata piena alternattiva hija fuq skala baxxa hafna u ma tarax illi huwa lest li jerfa' r-responsabilita' li ggor maghha piena alternattiva ghal dik karcerarja;

20. Ghal dawn ir-ragunijiet, tikkundannah dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni ghal-terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur u ghal multa ta' elf (1000) euro. Inoltre tordna li tidhol fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija ta' zmien erba (4) xhur moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Jannar, 2018 per. Onor. Magistrat Dr. Francesco Depasquale;

21. Finalment tiskwalifika lill-appellant minn kull licenzja tas-sewqan tieghu ghal-perjodu ta' sitt (6) xhur li jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-jum li fih ikun skonta il-kundanna komplessiva ta' ghaxar xhur prigunerija ;

22. Finalment il-Qorti qed tohrog kontra l-imputat, u dan bil-kunsens tieghu moghti fl-udjenza tat-18 ta' Lulju, 2019, Ordni ta' Trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali ghall-perjodu ta' sentejn mill-lum. Inoltre qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li jiehu dawk il-mizuri necessarji ghal-preservazzjoni ta' sahhet il-hati li dwarhom xehedet l-Ufficjal tal-Probation u ghal dan il-ghan tordna li kopja

tad-deposizzjonjiet taghha jintbghatu lill-istess Direttur sabiex ikun ahjar gwidat in rigward.

23. Tordna notifika tas-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.